Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,284, 12 ta' Lulju, 2024
Taqsima B

A.L. 156 tal-2024

ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI TA' ARTIJIET (KAP. 296)

Regoli tal-2024 li jemendaw ir-Regoli dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Artijiet

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 59 u 60 tal-Att dwar ir-Reġistrazzjoni ta' Artijiet, il-Ministru responsabbli għar-Reġistru tal-Artijiet, bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regoli hu r-Regoli tal-2024 li jemendaw ir-Regoli dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Artijiet, u dawn ir-regoli għandhom jinqraw u jinfthiemu ħaġa waħda mar-Regoli dwar ir-Reġistrazzjoni tal-Artijiet, hawn aktar 'il qudiem imsejħa r-"regoli prinċipali". L.S. 296.01.

Temenda r-regola 2 tar-regoli prinċipali.

2. Fir-regola 2 tar-regoli prinċipali, minnufih wara t-tifsira "ċertifikat ta' ipoteka" għandhom jiġu miżjuda t-tifsiriet ġodda li ġejjin:

" "fergħa ta' Għawdex" tfisser il-fergħa tar-Reġistru tal-Artijiet kif indikat fl-artikolu 3 tal-Att, li tinsab fil-Gżira ta' Għawdex fejn jiġu reġistrati t-titoli għal-artijiet f'Għawdex u f'Kemuna;";

" "fergħa ta' Malta" tfisser il-fergħa tar-Reġistru tal-Artijiet kif indikat fl-artikolu 3 tal-Att, li tinsab fil-Gżira ta' Malta fejn jiġu reġistrati t-titoli għal artijiet f'dik il-gżira;".

Temenda t-Tieni Skeda li tinsab mar-regoli prinċipali.

3. It-Tieni Skeda li tinsab mar-regoli prinċipali għandha tiġi emendata kif ġejja:

(a) fil-partita 5 tagħha, minnufih wara l-kliem "għal kwalunkwe applikazzjoni addizzjonali" għandhom jiġu miżjuda l-kliem ", kemm jekk sottomessa fil-fergħa ta' Malta jew fil-fergħa ta' Għawdex, u irrispettivament fejn tkun giet sottomessa l-ewwel applikazzjoni,";

(b) fil-partita 6 tagħha, minnufih wara l-kliem "għal kwalunkwe applikazzjoni addizzjonali," għandhom jiġu miżjuda l-kliem "kemm jekk sottomessa fil-fergħa ta' Malta jew fil-fergħa ta' Għawdex, u irrispettivament fejn tkun giet sottomessa l-ewwel applikazzjoni,";

Verżjoni Elettronika

(ċ) fil-partita 7 tagħha, minnufih wara l-kliem "għal kwalunkwe applikazzjoni addizzjonali," għandhom jiġu miżjuda l-kliem "kemm jekk sottomessa fil-fergħa ta' Malta jew fil-fergħa ta' Għawdex, u irrispettivament fejn tkun giet sottomessa l-ewwel applikazzjoni,".